MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 547/1998/1

***Arva Insurance Agency Limited* in rappreżentanza tas-soċjetà estera *Norwich Union Fire Insurance Society (Gibraltar) Limited* kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħhom Herbert Naudi abbażi tal-polza ta' assikurazzjoni u tal-liġi; u l-istess Herbert Naudi; u l-kumpannija *Fogg Insurance Agencies Limited* b'dikriet tas-16 ta' Settembru 1999 assumiet l-atti tal-kawża minflok *Arva Insurance Agency Limited***

***Versus***

**Russell Mercieca u Anthony u Josephine Mercieca f'isimhom proprju u bħala leġittimi rappreżentanti għan-nom u in rappreżentanza ta' Russell Mercieca**

Din il-kawża hija dwar inċident tat-triq u dwar jekk ġenituri jweġbux għall-ħsara li jagħmel binhom meta dan ikun taħt l-età.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fit-2 t'Awissu 1996, waqt illi Daniela Naudi kienet qiegħda ssuq il-vettura *Fiat Uno* FIF 150, ta'

l-attur Herbert Naudi, fi Triq is-Sienja, Ħ'Attard, ħabtet magħha l-vettura *Volkswagen* O-0505 misjuqa mill-konvenut Russell Mercieca. Dak in-nhar Russell Mercieca kien għadu minorenni, u ma kellux liċenza tas-sewqan.

Bl-inċident lill-vettura ta' l-attur saritilha ħsara ta' elfejn mija u sebgħa u tletin lira u sitt ċenteżmi (Lm2,137.06), barra ħames liri (Lm5) biex sar *survey*, ħamsa u għoxrin lira (Lm25) għall-irmonk, u tliet liri u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (Lm3.45) għar-rapport tal-pulizija, li ħallsithom is-soċjetà attriċi assikuratriċi taħt il-polza t'assikurazzjoni u kienet surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat; barra minn hekk, l-assikurat, l-attur Herbert Naudi, ħallas mija u ħamsin lira (Lm150) *excess*; b'kollox, id-danni telgħu għal elfejn tliet mija u għoxrin lira u wieħed u ħamsin ċenteżmu (Lm2,320.51).

L-atturi jgħidu illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut (Russell Mercieca). Barra minn hekk, il-konvenuti Anthony u Josephine Mercieca, ġenituri ta' Russell, ma kienx imisshom ħallew lil binhom isuq il-vettura, jew iħallu ċ-ċwievet fejn seta' jsibhom binhom u hekk ikun jista' jsuq ukoll bla ma jafu jew mingħajr il-permess tagħhom.

Billi għalxejn sejħu lill-konvenuti biex jagħmlu tajjeb għad-danni, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut Russell Mercieca waħdu;
2. tgħid illi l-konvenuti jaħtu għal dak li għamel binhom għax dan saq vettura mingħajr liċenza tas-sewqan;
3. tillikwida d-danni fis-somma ta' elfejn tliet mija u għoxrin lira u wieħed u ħamsin ċenteżmu (Lm2,320.51), maqsuma kif imfisser fuq, li minnhom l-attur Naudi ħallas mija u ħamsin lira (Lm150) bħala *excess*;
4. tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom jħati jħallsu lill-atturi s-sehem li ġarrbu mid-danni, u jħallsu wkoll l-ispejjeż, fosthom għaxar liri (Lm10) tal-konsult, u dawk ta' ittra uffiċjali ippreżentata flimkien maċ-ċitazzjoni kontra l-assikuratur tal-konvenuti u ta' ittra legali tad-19 ta' Ġunju 1997.

Il-konvenuti ma ppreżentawx nota ta' eċċezzjonijiet fiż-żmien li tagħti l-liġi, iżda b'rikors tas-27 ta' Lulju 1999[1]

[1] *Fol.* 22.

talbu li jiġġustifikaw dan in-nuqqas tagħhom. Il-qorti laqgħet it-talba b'dikriet tas-17 ta' Frar 2000[2], u l-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-inċident ma seħħx bi ħtija tal-konvenut Russell Mercieca iżda bi ħtija ta' Daniela Naudi, illi naqset li tagħti d-dritta hija u ħierġa minn *T-junction*;

2. id-danni mitluba huma esaġġerati — il-konvenuti irtiraw din l-eċċezzjoni waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2001[3]; u

3. il-konvenuti Anthony u Josephine Mercieca b'ebda mod ma kienu jaħtu għall-inċident.

L-inċident seħħ fi Triq is-Sienja, Ħ'Attard, fejn dik it-triq tifforma l-parti mimduda ta' *T-junction* ma' Triq l-Andar. Daniela Naudi, li kienet qiegħda ssuq il-vettura assikurata, ħarġet minn Triq l-Andar u daħlet fi Triq is-Sienja wara li rat illi din it-triq kienet ħielsa mit-traffiku. Hekk kif daħlet fi Triq is-Sienja, ġie minn warajha Russell Mercieca, laqatha fuq wara, dawwarha, u kaxkarha mal-ħajt ta' bini fi Triq is-Sienja li jiġi faċċata u lejn il-ġenb tal-bokka ta' Triq l-Andar. Bid-daqqa nqalgħu ċnaġen mill-ħajt u waqgħu fuq il-vettura ta' Naudi.

Russell Mercieca kien għaddej b'veloċità wisq għolja, kif jixhed il-fatt illi, għalkemm applika kemm *footbrake* kif ukoll *handbrake*[4], ħalla *brake marks* ta' tnejn u għoxrin metru li ma kinux biżżejjed biex jixorbu l-*momentum* tal-vettura tiegħu, tant illi kien fadal *momentum* biżżejjed biex lill-vettura assikurata jdawwarha u jkaxkarha, iħabbatha mal-ħajt u jġegħelha twaqqa' l-ħajt.

Fiċ-ċirkostanzi, ladarba Naudi kienet sejra toħroġ mis-sieq il-wieqfa ta' *T-junction* biex tidħol fit-triq il-mimduda, kellha d-dmir li, qabel ma tibda l-manuvra, tara setgħetx tagħmilha u ttemmha bla ma tfixkel lit-traffiku li jkun għaddej mit-triq il-mimduda, u bla ma ġġiegħel lil dan it-traffiku jnaqqas fil-veloċità jew jibdel ir-rotta. Jekk għamlet hekk bil-għaqal, u t-triq ratha ħielsa, il-manuvra tagħha kienet waħda leġittima.

Mercieca, naturalment, kellu l-preċedenza, u, normalment, il-veloċità tiegħu ma tkunx fattur fl-inċident. Iżda jekk il-

---

2 *Fol.* 33 u *foll.* 45 *et seq.*

3 *Fol.* 64.

4 Ara x-xhieda ta' Russell Mercieca fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2001, *fol.* 120.

karrozza misjuqa minnu ma kinitx tidher minn fejn Naudi kienet sejra toħroġ, u tfaċċja u wasal qrib Naudi f'ħin qasir għax kien qed iġerri wisq, il-veloċità ssir fattur. Naudi setgħet tikkalkola biss fuq il-parti tat-triq li kienet viżibbli minn fejn kienet hi. Jekk dik il-parti kienet ħielsa, u setgħet toħroġ qabel ma jasal xi ħadd fuqha għax it-tul tal-parti viżibbli tat-triq tagħtiha ħin biżżejjed biex ittemm il-manuvra tagħha qabel ma karrozzi li jitfaċċjaw fil-ħin li tkun bdiet il-manuvra jilħqu jipperkorru dik id-distanza, sakemm ma jiġux sparati, Naudi kellha dritt tistenna li sewwieq ġej mit-triq mimduda — li, meta bdiet hi l-manuvra, ma kienx jidher u ma kellhiex mod kif tkun taf bih — sejjer iħares il-limiti tal-veloċità. Jekk ngħidu mod ieħor inkunu qegħdin ngħidu li manuvra bħal dik li għamlet Naudi ma tista' qatt issir[5].

Naturalment, il-konklużjoni tkun oħra jekk Naudi setgħet tara lil Mercieca qabel ma bdiet il-manuvra tagħha u, jew ma ratux, għax ma kinitx attenta biżżejjed, jew ratu iżda ikkalkolat, ħażin, li xorta setgħet tgħaddi qabel ma Mercieca jasal ħdejha.

Il-konvenuti qegħdin igħidu illi Naudi ħarġet minn Triq l-Andar bla ma rat sew kienx għaddej traffiku mnejn ġie Russell Mercieca għax kien hemm *van* parkeġġjat fi Triq is-Sienja li jfixkel il-viżwali.

Dan kien ikun minnu li kieku Naudi waqfet fil-bokka tat-triq. Iżda l-fatt li kien hemm il-*van* parkeġġjat mal-ġenb ifisser li setgħet toħroġ xi ftit aktar fi Triq is-Sienja biex tesplora t-triq bla ma b'hekk tfixkel traffiku għaddej minn dik it-triq, għax kien qiegħed jilqa' l-*van*. Meta għamlet hekk, kisbet viżwali aħjar, u lil Mercieca kienet tarah ġej, li kieku kien fil-parti viżibbli tat-triq[6].

It-tul tal-*brake marks* u l-qawwa tal-ħabta juru illi Russell Mercieca kien qiegħed isuq bla rażan. Laħaq lil Naudi wara li din bdiet toħroġ fi Triq is-Sienja, għalkemm ma kienx jidher meta bdiet toħroġ, tant kemm kien qiegħed iġerri.

5 Ara **Manwel Micallef *versus* Stephen Spiteri**, Qorti ta' l-Appell, 27 ta' April 2001.

6 Ara x-xhieda ta' Daniela Naudi fis-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2003 quddiem l-assistent [udizzjarju, *foll*. 196 *et seq*.

Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, il-fattur waħdieni li wassal għall-ħabta kien il-veloċità bla rażan ta' Russell Mercieca, ferm iżjed mill-ħamsin jew sittin kilometru fis-siegħa li xehed hu, u kien Russell Mercieca waħdu li jaħti għall-inċident.

Fadal li naraw jekk il-konvenuti Anthony u Josephine Mercieca, ġenituri ta' Russell, humiex marbutin jagħmlu tajjeb għall-ħsara li għamel binhom taħt l-art. 1034 tal-Kodiċi Ċivili:

**1034.** Kull min jieħu ħsieb ta' wieħed minuri jew ta' miġnun, hu obbligat għall-ħsara li jagħmel il-minuri jew il-miġnun meta huwa ma jkunx ħa l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jiġrix.

Meta ġara l-inċident il-ġenituri kienu msefrin, u Russell kien waħdu d-dar.

Din ma kinitx l-ewwel darba li Russell saq, għalkemm kien għadu ma kellux liċenza tas-sewqan. Missieru, il-konvenut Anthony, xehed illi ma kienx jaf li ibnu jsuq[7], u Russell ukoll xehed illi l-ġenituri tiegħu ma kinux jafu li jsuq[8].

Pierre Mifsud, iz-ziju ta' Russell, ħu ommu, kien jaf. Il-qorti staqsietu kemm-il darba biex igħid jekk kienx qal lill-ġenituri biex joqogħdu attenti għax binhom kien qiegħed isuq. Pierre Mifsud kemm-il darba fittex li jaħrab il-mistoqsija billi jagħti tweġibiet irrelevanti. Wara li l-qorti baqgħet tagħfsu, wieġeb illi hu naqas għax lill-ġenituri ma qalilhomx[9].

Il-qorti, wara li qieset l-atteġġjament ta' dan ix-xhud waqt id-depożizzjoni tiegħu, ikollha tgħid illi ma tħossx li tista' temmnu. Temmen illi Pierre Mifsud qal lil oħtu u lil żewġha li binhom kien qiegħed isuq — u meta għamel hekk għamel ħaġa tajba, għax b'dak li kien qiegħed jagħmel Russell kien qiegħed joħloq perikolu għalih u għal ħaddieħor — u temmen għalhekk illi l-ġenituri wkoll kienu jafu.

Fid-dawl ta' dan, il-qorti ma tarax kif tista' tgħid illi l-ġenituri ħadu l-ħsieb ta' missier tajjeb ta' familja biex

---

7 Ara x-xhieda ta' Anthony Mercieca fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2001, *fol.* 139.

8 Ara x-xhieda ta' Russell Mercieca fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2001, *fol.* 114.

9 Ara x-xhieda ta' Pierre Mifsud fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2001, *foll.* 131 *et seqq.*

binhom ma jagħmilx ħsara billi jsuq karrozza meta liċenza tas-sewqan ma kellux. Anzi, Anthony Mercieca xehed illi lil Russell kien jafdah "f'kollox"[10], u kien iħalli ċ-ċwievet tal-karrozza flimkien maċ-ċwievet tad-dar f'kexxun mhux imsakkar , fejn Russell kellu aċċess ħieles għalihom[11].

F'kull każ, ukoll jekk tassew il-ġenituri ta' Russell ma kinux jafu li jsuq, xejn ma kienet ħaġa għaqlija li jsiefru u jħalluh waħdu fid-dar biċ-ċwievet tal-karrozza fejn seta' jeħodhom bla xkiel ta' xejn, meta d-dmir tagħhom kien illi jagħmlu dak kollu li hu meħtieġ biex binhom ma jkollu ebda aċċess għall-vettura. Mhux biżżejjed illi jafdawh u jassumu li mhux sejjer iċedi għat-tentazzjoni li jħallulu quddiemu[12].

Dwar il-kexxun fejn kienet iċ-ċavetta tal-karrozza, Russell xehed li kien ikun imsakkar, u sab kif jiftħu għax "makakk", u xehed ukoll illi ċ-ċwievet kienu jkunu moħbijin f'dan il-kexxun imsakkar[13]. Id-diskrepanza bejn din ix-xhieda u dak li xehed il-missier ma tħallix lill-qorti b'moħħha mistrieħ li tista' temmen dak li qalu dawn ix-xhieda.

Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-ġenituri ma mxewx bil-għaqal li jrid l-art. 1034 tal-Kodiċi Ċivili, u għandhom jagħmlu tajjeb, flimkien ma' binhom, għall-ħsara li dan għamel.

Dwar il-*quantum* tad-danni ma hemmx kontestazzjoni: b'kollox telgħu għal elfejn tliet mija u għoxrin lira u wieħed u ħamsin ċenteżmu (Lm2,320.51), li minnhom is-soċjetà attriċi assikuratriċi ġarrbet elfejn mija u sebgħin lira u wieħed u ħamsin ċenteżmu (Lm2,170.51) u l-attur Herbert Naudi ġarrab mija u ħamsin lira (Lm150).

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tgħid illi l-konvenut Russell Mercieca waħdu jaħti għall-inċident, u illi l-konvenuti Anthony u Josephine Mercieca wkoll iwieġbu għall-ħsara li għamel binhom billi ma mxewx bil-għaqal li jrid l-art. 1034 tal-Kodiċi Ċivili; tillikwida d-danni fis-somma ta' elfejn tliet mija u għoxrin lira u wieħed u ħamsin ċenteżmu (Lm2,320.51), u tikkundanna lill-

---

10 Ara x-xhieda ta' Anthony Mercieca fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2001, *fol.* 139.

11 *Ibid. fol.* 141.

12 Ara **Carmelo Micallef St John *et versus* Richard Spiteri *et***, Qorti ta' l-Appell, 15 ta' Jannar 2002.

13 Ara x-xhieda ta' Russell Mercieca fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2001, *fol.* 129.

konvenuti flimkien iħallsu elfejn mija u sebgħin lira u wieħed u ħamsin ċenteżmu (Lm2,170.51) lis-soċjetà attriċi assikuratriċi, u mija u ħamsin lira (Lm150) lill-attur Herbert Naudi; tikkundannahom ukoll iħallsu l-imgħax u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------